# 50 Sena mill-Miġja tal-QNIEPEN Fostna



Mejju 1958, qisu l-bieraħ,. Kont student fit-tielet sena tal-kors tat-Teoloġija. Il-kamra tiegħi fis-Seminarju kienet waħda minn dawk li jħarsu lejn il-Power Station. Kienet il-ħemda ta' wara nżul ix-xemx, x'it-tmienja ta' filgħaxija. Nisma' minn kamarti daqq ħlejju ta' qniepen, armonija smewwija, saħħritni u qgħadt għal ftit ħin nisma' dik il-nota li qatt ma kont smajt bħalha. L-għada filgħodu, is-seminarista Ġużepp Bajada (RIP) kif iltqajna staqsieni : "Smajthom il-qniepen il-ġodda?" "Oh kemm tpaxxejt! Ħsibtni qiegħed diġa' l-ġenna." weġibtu bis-sincerita' kollha.

Għaddew 50 sena u dan is-Sett tal-Barrigozzi għadu jistedinna għall-qima ta' Alla kuljum filgħodu u fil-għaxija, ifakkarna biex insellmu 'l Marija, fil-għodu kmieni, fit-tmienja, f'nofs in-nhar u fl-Ave Marija. Jistednuna biex nitolbu għal dawk li jkunu waslu fi tmiem il-vjaġġ tagħhom jew diġa' temmewh, jistednuna biex nifirħu fil-festi, biex nitolbu għas-saċerdoti nhar ta' Ħamis filgħaxija u għall-erwieħ tal-purgatorju kuljum. Dari kienu jistednuna wkoll biex nitolbu ħa jieqaf xi riefnu. Għadhom iħabbrulna wkoll il-ferħ ta' meta jilħaq xi saċerdot ġdid, jew xi kappillan ġdid, jew xi qaddis ġdid. F'kelma waħda l-ħajja reliġjuża tagħna hi minsuġa mad-daqq ħlejju tal-qniepen tagħna.

Forsi xi ħadd jistaqsi : "Ilna parroċċa dalwaqt 100 sena, il-knisja ilha miftuħa 108 snin, qed niċċelebraw dis-sena l-ewwel ċentinarju minn meta saret Viċendarja (kwazi parroċċa) : kif inhi din li l-qniepen ilhom biss 50 sena?" Meta fid-29 ta' Jannar tal-1905 Mons. Ġużepp Maria Camilleri u Dun Ġużepp Hili l-ewwel rettur u mbagħad għal 26 sena l-ewwel Kappillan tal-Knisja Parrokkjali tagħna kkonsagraw u fetħu l-Knisja tagħna, din kellha qniepen oħra li mbagħad inbiegħu għall-bronż.

Malli ħa l-pussess fit-27 ta' Mejju 1956 Dun Nikol Cauchi beda jaħseb għal sett qniepen ġodda. L-ewwel ittra li kiteb Milan lid-ditta Barrigozzi ġġib id-data tat-8 ta' Frar 1956. Fit-23 t'April tal-1958 irċieva t-tweġiba li l-ħames qniepen u tnejn ta' l-arloġġ ġew 'fusi' (bronż mitfugħ fil-forom). Dan seħħ l-Erbgħa 16 t'April tal-istess sena 1958.



L-użin tal-5 qniepen hu:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| I | 29 Qantar | 50 ratal | = | Kg 2360 |
| II | 14 Qantar | 25 ratal | = | Kg 1140 |
| III | 8 Qantar | 50 ratal | = | Kg 680 |
| IV | 3 Qantar | 69 ratal | = | Kg 295 |
| V | 1Qantar | 75 ratal | = | Kg 140 |

**Il-prezz kien ta' Lm 2450**

| | | |
|---|---|---|
| Il-qanpiena | I | hi msemmija għal Kristu |
| Il-qanpiena | II | hi msemmija għal Sant'Indrija u Santa M. Marija Alacoque |
| Il-qanpiena | III | hi msemmija għall-Vergni Marija u Sant'Antnin |
| Il-qanpiena | IV | hi msemmija għal San Ġwann Evanġelista u Santa Rosa ta' Viterbo |
| Il-qanpiena | V | hi msemmija għal San Ġerardu Mazzella |

**L-ewwel u t-tieni qanpiena saru mis-Saċerdoti u l-poplu.**

| | |
|---|---|
| No. III | ħallsuha Toni Curmi tal-Mazz u wliedu |
| No. IV | ħallsitha Familja Spiteri tal-Mettru |
| No. V | ħallasha Gerardu Grech |

Dun Nikol bagħat lil Pawlu tax-Xejxier li kien joqgħod Ruma biex imur Milan u jara x-xogħol. Qabbdu wkoll jixtrilu diplomi dekorati biex jagħti waħda lill kull familja li toffri Lm10 jew iżjed għall-qniepen. Fuq id-diplomi, meta waslu, Dun Nikol poġġa ritratt tal-Knisja tagħna.

Il-qniepen waslu kif kien miftiehem u fil-festa

Tono, Diametro e Peso delle Campane al Corista Internazionale adottato nel 1886 di 870 vibrazioni semplici.



| TONO | LA 4 | LA bemolle | SOL | SOL bemolle | FA | MI | MI bemolle | RE | RE bemolle | DO | SI | SI bemolle |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DIAMETRO M. | 0.420 | 0.450 | 0.470 | 0.500 | 0.530 | 0.560 | 0.600 | 0.630 | 0.670 | 0.700 | 0.750 | 0.800 |
| PESO KG. | 40 | 50 | 60 | 70 | 85 | 100 | 120 | 140 | 170 | 200 | 240 | 280 |

| TONO | LA 3 | LA bemolle | SOL | SOL bemolle | FA | MI | MI bemolle | RE | RE bemolle | DO | SI | SI bemolle | LA 2 | LA bemolle | SOL | SOL bemolle |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DIAMETRO M. | 0.840 | 0.890 | 0.940 | 1.020 | 1.050 | 1.130 | 1.180 | 1.265 | 1.320 | 1.400 | 1.500 | 1.605 | 1.680 | 1.801 | 1.950 | 2.100 |
| PESO KG. | 340 | 400 | 470 | 580 | 670 | 790 | 970 | 1140 | 1370 | 1630 | 1950 | 2300 | 2800 | 3300 | 3900 | 4600 |

Campanelle minori adatte per Segnali, Carillon, Piccoli Concerti, ecc.

| TONO | SI bemolle | SI | DO | RE bemolle | RE | MI bemolle | MI | FA | SOL bemolle | SOL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DIAMETRO M. | 0.390 | 0.370 | 0.350 | 0.330 | 0.315 | 0.300 | 0.280 | 0.260 | 0.250 | 0.240 |
| PESO KG. | 38 | 32 | 26 | 23 | 18 | 15 | 13 | 11 | 9 | 8 |

għażiża tal-Pentecoste, fis-27 ta' Mejju 1958 Mons Isqof Giuseppe Pace (ikkonsagrahom) assistit minn Dun Celest, l-ex Kappillan Dun Mikiel Grech u Dun Franġisk Borg bħala ċerimonier. Fis-Sagristija jinsab ritratt taċ-ċeremonja flimkien mal-pergamena bl-iskala mużikali tal-istess qniepen.

Interessanti wkoll l-iskrizzjonijiet li hemm fuq kull qanpiena.

I Kristu jirbaħ, Kristu jsaltan, Kristu jaħkem
II Infaħħar 'l Alla veru, insejjaħ innies, niġbor il-kleru
III Ħares bit-talb devot tiegħek lil dawk li nsejjaħ O Marija!
IV Leħni hu leħen il-Ħajja, insejħilkom għall-misteri qaddisa, ejjew!
V Nisħar bil-lejl u bin-nhar. Ngħanni l-għana ta' Kristu

Grazzi Mulej ta' dan ir-rigal li tajt lill-Parroċċa tagħna. Kif se npattulek?

Hawn illum ukoll min qed ikun ġeneruż mal-Knisja tagħna billi joffri flus għaliha. Illum stess jiena u ntemm dan l-artiklu, persuna għaddietli €2330 għall-induratura tal-kappelluni tas-Sagrament u ta' Sant'Indrija (parti minnha). Ftakar li se ssib dak li tagħti; anzi iċċentuplikat: biss dak, li żżomm għalik titilfu.

Il-karità ma faqqret lil ħadd: aktar ma tagħti aktar tirċievi. Meta fuq is-sodda tal-mewt, mifnija bi tbatija l-aktar kbira fir-ruħ u fil-ġisem, staqsew lil Santa Terezina:





"Jiddispjaċik li ngħatajt lill-Ħniena Divina u issa tinsab f'dit-tbatija kollha?" Ġabret il-forzi kollha u wieġbet deċiża "Le! Għall-kuntrarju....". Mela taqtax qalbek. Agħti int ukoll biex f'jum il-mewt tiegħek tgħid ukoll kif qalet hi: "Jien m'inhiex se mmut. Jien dieħla fil-ħajja! ".

**Mons. Ružar G. Borg**